MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 192/2011

**W R**
**vs**
**T G N; Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**u Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina b' digriet tat-22 ta' Lulju 2011 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri bl-isem P H u b' digriet tad-9 ta' Settembru 2011 il-kuraturi gew estromessi filwaqt li T G N gie kkonfermata kuratrici ad litem tal-minuri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta:

Illi l-esponenti izzewweg lill-intimata T G N fit-30 ta' Lulju 2005, kif ukoll separat de jure mill-intimata T G N;

Illi l-esponenti u martu l-intimata T G N huma separati legalment dan skond kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta’ April2011 fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal izda gie registrat li twieled il-minuri P H fil-15 ta' April 2011;

Illi l-esponenti u l-intimata T G N kien ilhom snin shah separati de facto qabel ma sseparaw legalment ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni indikat iktar il-fuq;

Illi jirrizulta li matul dan iz-zwieg, l-intimata kellha relazzjoni adultera ma' terzi mhux maghrufa mill-esponenti meta bhala konsegwenza twieldet it-tarbija P H fil-15 ta' April 2011, li ma hux iben l-esponenti, ghalkemm registrat f’ ismu;

Illi l-imsemmi minuri gie registrat b' kunjom l-attur rikorrenti meta l-esponenti ma hux il-missier naturali tat-tarbija;

Illi ghalhekk jehtiegu li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikat tat-twelid ta' l-isemmi minuri.

Talab lil din il-Qorti:

Tiddikjara illi l-minuri P H R ma hux il-wild naturali ta' l-attur rikorrenti, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Konsegwentement, tordna lill-konvenut intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru ta' referenza 1618/2011 mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem W R, il-professjoni jew sengha ta' l-attur rikorrenti, l-eta', post tat-twelid u residenza ta' l-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom missier l-attur rikorrenti u jekk huwiex haj jew mejjet, u tordna li jigu sostitwiti bil-kliem ''Missier Mhux Maghruf', u tordna kull modifika ohra fid-dawl ta' l-ewwel talba, u jekk ikun mehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni,

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti tal-attur.

Rat id-digriet tad-9 ta’ Settembru 2011 li permezz tieghu innominat lill-konvenuta T G N bhala kuratrici ad litem ta’ binha il-minuri P H.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha issottometta:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' denegata paternita’ r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi madankollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri P H, li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghha moghtija lilha bl-Artikolu 70 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa rn'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta T G N maghmula fl-udjenza tad-29 ta'Frar 2012 u n-nota taghha a fol.33 tal-process fejn iddikjarat li hija taqbel mat-talbiet attrici.

Rat li l-konvenuta T G N iddikjarat fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2012 illi hija kienet lesta li tissottometti ruhha ghat-testijiet tad-DNA.

PROVI.

L-attur xehed illi huwa izzewweg lill-konvenuta T G R fit-30 ta' Lulju 2005. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Huwa kompla jispjega [1] illi; "Fil-fatt nghid li r-relazzjoni taghna marret hafna ghall-aghar ghax hi bdiet tohrog ma' terzi persuni. Marti T G talbet l-annullament minn mieghi permezz ta' kawza li hi ghamlet fis-sena 2008, b'citazzjoni numru 428/2008 liema sentenza giet moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Gunju 2010, meta l-Qorti ma ippronunzjatx l-annullament taz-zwieg taghna. Wara dan fl-24 ta' Awissu 2010 marti kitbet ittra lir-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex tinfetah medjazzjoni u b'hekk is-sena l-ohra jien u marti wasalna f'kuntratt ta' separazzjoni u ilna de jure separati sa mis-sena li ghaddiet. Nghid li meta kont nitla' ghas-seduti tal-medjazzjoni kont nara li marti kienet tqila u meta twieled il-minuri P H R fil-15 t' April 2011 jien mort gibt ic-certifikat tat-twelid tieghu biex naghmel din il-kawza ghax jien mhux missieru. Jien naf li marti qeghda f'relazzjoni mal-persuna ta' H Shahin ta' nazzjonalita' Egizzjana u ilha mieghu ghal diversi snin. Jien ilu ma jkolli x'naqsam ma' marti sesswalment sa mis-sena 2007 ghax f' din is-sena kemm jien u kemm marti tlaqna mid-dar matrimonjali taghna u ilna wkoll hekk de facto separati sa minn din is-sena, u qatt ma ergajna irrikonciljajna. Ghalhekk P H R li twieled fil-15 ta' April 2011 ma hux ibni u qatt ma jista' jkun it-tifel tieghi."

Il-konvenuta T G N xehdet illi hija weldet lill-minuri P H R fil-15 ta' April 2011. Dak iz-zmien hija kienet ilha aktar

[1] Affidavit a fol. 36

minn tlett snin f’relazzjoni ma’ H Shahin. Kompliet tispjega hekk:[2] “Niftakar tajjeb li jiena zzewigt lil W R fit-30 ta' Lulju 2005, u z-zwieg taghna kien dam madwar sena u nofs, peress 1i ahna kellna problemi matrimonjali, u fil-fatt fis-sena 2007, ma konniex bqajna nghixu flimkien. Niftakar tajjeb ukoll li ahna konna anke bieghhejna id-dar matrimonjali taghna fis-sena 2007, ujiena ma kontx naf fejn W kien qieghed jabita. Jiena qatt ma kelli x'naqsam sesswament mar-ragel W R, sa minn qabel is-sena 2007.

Fis-sena 2008 jiena bdejt relazzjoni ma' H Shahin, u f' April 2011, jiena wellidt lit-tifel P H, mir-relazzjoni li ghandi ma' H Shahin. Jiena nikkonferma li l-minuri P H huwa wild H Shahin.”

L-attur ipproduca bhala xhud lil Christopher Farrugia li irrefera ghad-DNA Paternity Test Report[3]u spjega li huwa ippreleva kampjuni minn fuq T N, P R u W R sabiex isiru l-analizi u jigu kkomparati l-profili genetici ta’ P ma’ W R sabiex jigi stabbilit jekk W R hux il-missier naturali ta’ P. Minn dawn ir-rizultati miksuba rrizulta li P m’huwiex il-wild naturali ta’ W R.

Rat li Dr Marisa Cassar ikkonfermat bil-gurament taghha ir-rapport tad-DNA minnha maghmul.

KONSIDERAZZJONIJIET

**Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jipprovdi illi:

(1) Ir-raġel jista’ jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ –

(*a*) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar ma’ martu minħabba li kien bogħod minnha, jew minħabba xi aċċident

[2] Affadavit a fol. 45
[3] Fol.42

ieħor; jew

(*b*) jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud *de facto* jew legalment minn martu:

Iżda ma jistax jiċħad lit-tifel jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew

(*ċ*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew

(*d*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u ttwelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità.

(2) Id-dikjarazzjoni tal-omm fis-sens li żewġha mhux missier it - tifel għandha tingħata konsiderazzjoni f 'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-paternità tar-raġel.

- omissis -

(5) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 73, jekk fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tiddikjara illi r-raġel mhux il-missier naturali tat-tifel, din għandu jkollha l-effett li tibdel il-kunjom tat-tifel u tad-dixxendenti tiegħu minn dak tar-raġel għall-kunjom xbubit l-omm."

Mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement illi l-attur ma hux il-missier bijologiku tal-minuri P u dan peress li irrizultaw diversi cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 70 (1) tal-Kap. 16. fosthom ir-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenuta ma terza persuna fiz-zmien il-koncepiment tal-minuri. Irrizzulta wkoll li l-istat ta' fatt tal-minuri ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid tieghu.

Id-dikjarazzjoni tal-omm qed tinghata wkoll l-konsiderazzjoni rikjesta mis-sub inciz 2 tal-artikolu 70 fuq citat pero' l-prova krucjali huwa r-rapport xjentifiku tad-

DNA li jeskludi kompletament li l-attur huwa missier il-minuri P. L-omm fix-xhieda taghha tidentifika min hu l-missier bijologiku. Irrizulta wkoll li din il-persuna tikkoabita mal-omm u binha u ghalhekk una volta konkluzi dawn il-proceduri ser ikun possibbli li l-genituri bijologici tal-minuri jinizzjaw il-proceduri opportuni sabiex il-missier bijologiku jitnizzel fic-certifikat tat-twelid tal-minuri P.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mir-rikors guramentat u mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri P H R ma hux il-wild naturali ta' l-attur.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri P bin-numru ta' referenza 1618/2011 mill-kolonna intestata isem u kunjom il-missier, l-isem tal-attur W R u l-konnotati kollha tieghu u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta T G N.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------